# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 11 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 1960/97**

**Numru 19**

**Mid Med Bank Limited u skond nota tat-28 ta' Ottubru 1999 l-isem "Mid-Med Bank p.l.c." sar "HSBC Bank Malta p.l.c." b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**vs**

**Dr Edwina Chetcuti nominata b'digriet tas-7 ta' Ottubru 1997 bhala kuratur deputat biex tirrappresenta l-eredita' gjacenti tal-mejjet Christopher Agius u Joseph Tabone.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti ighidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-Bank attur is-somma ta' seba' mitt Lira Maltija u tletin centezmu (Lm700.30,0) rappresentanti s-somma ta' flus mislufa mill-Bank attur lill-mejjet Christopher Agius u danni sofferti mill-bank attur in segwitu ghall-istess self liema self inghata a bazi ta' dokumenti iffirmati mill-istess

Christopher Agius u l-konvenut l-iehor Joseph Tabone, li issa irrisultaw li kienu foloz u frawdolenti.

Bl-imghax mit-2 ta' April 1997 u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Edwina Chetcuti nomine (a fol 17) tal-atti li biha eccepiet:

1. Illi hija ma hijiex edotta mill-fatti tal-kaz u ghalhekk tirriserva li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Tabone (a fol 22 ibid) li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent la huwa debitur tas-socjeta' attrici u lanqas ma kellu x'jaqsam ma' xi ghemil ta' falsifakazzjoni jew ta' frodi kif pretiz skond l-avviz odjern.

2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti, skond kif jidher mill-istess atti inghataw opportunita ampja sabiex jipproducu l-provi taghhom (ara b'mod specjali fol 46 u 48 tal-istess atti). Pero dan ma avverax ruhu.

Ikkunsidrat

Illi da parti taghha, is-socjeta attrici gabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti is-segwenti provi in sintesi:-

a) Michelle Difesa (a fol 27 et seq ibid) fil-kariga taghha ta' "advances clerk" fil-fergha tal-istess Bank f'Rahal il-Gdid spjegat li Christopher Agius hawn fuq imsemmi u illum mejjet kien applika ghal 'Flexi loan" (ara fol 30 u 31 tal-atti) sabiex jkun jista' jakkwista karozza "second hand", liema self mitlub kien jammonta ghal Lm700. L-istess Agius kien ukoll taha dokument, li kopja tieghu hi esebita a fol 32 ibid. Minn dan, datat it-2 ta' April 1997 jidher li l-konvenut l-iehor kien biegh lill-istess Agius karozza tal-marka Ford Cortina bin-numru JAC 698 bil-prezz komplessiv ta' Lm1000 u b'bilanc dovut ta' Lm700. Sussegwentement l-istess Bank avvanza din is-somma lid-"decuius" u skond kif jidher mid-dokument a fol 33 datat l-4 ta' April 1997 l-istess Joseph Tabone iddikjara li irceva cheque ta' Lm700 mill-istess mejjet (ara ukoll fol 34 ibid).

b) Ray Azzopardi (a fol 35 et seq ibid) "manager" tal-imsemmija fergha, filwaqt li kkonferma l-premess, irrefera ukoll ghall-konverzazzjoni li kellu ma missier, Christopher Agius, wara il-mewt ta' dan. Dan kien stqarr mieghu li l-prezz attwali imhallas minn ibnu sabiex jakkwista l-imsemmija vettura kien, biss, Lm600. Inoltre l-istess missier kien kompla jistqarr mieghu li Joseph Tabone kien sarref ic-"cheque" mahrug mill-Bank lill-ibnu u mis-somma hekk rikavata Joseph Tabone kien ha Lm600 waqt li l-bilanc ta' Lm100 kien inghata lill-istess ibnu. Inoltre l-ammont kollu misluf kien ghadu dovut, kollu kemm hu.

c) Charles Agius (fol 37) missier il-mejjet Christopher Agius, spjega li ibnu kien jabbuza minn droga u sakemm l-istess ibnu kien miet, ma kienx jaf li dan kellu karozza. Inoltre cahad li qatt qal dak id-diskors lix-xhud precedenti, in rigward "dwar kif issarraf ic-cheque li inghata mill-bank lill-ibni". Anzi skond ma kien qallu Joseph Tabone "li kien ha s-Lm700 u Chris, ibnu, kien tah Lm300". Dan ix-xhud spjega ulterjorment li l-karozza in kwistjoni hi registrata fuq huh George Agius u mhux fuq ibnu. Difatti din il-vettura kienet detenuta mill-istess huh. In rigward dan sema li l-istess huh kien ta' Lm2000 lill-ibnu Christopher bil-patt li jixtri l-imsemmija karozza bil-prezz ta' Lm1000. In rigwad l-ammont bilancjali ta' Lm1000, l-istess Christopher Agius kellu jhallashom lura lill-msemmi huh "bi ftit fix-xahar".

Ikkunsidrat

Illi jinghad, minnufih, li ma hemm ebda dubbju li l-ammont misluf lil Christopher Agius ghadu dovut sallum.

Illi in rigward l-provizzjoni tal-konvenut Joseph Tabone kemm fattwalment kemm legalment, mill-provi prodotti, jidher fuq basi ta' probabilta, li dan il-konvenut kien biegh vettura lil Christopher Agius, liema vettura kienet effettivament registrata u b'hekk tappartjeni lil persuna ohra cjoe, lill-imsemmi George Agius, iz-ziju ta' Christopher Agius (ara id-dokument a fol 35 tal-atti u x-xhieda ta' Charles Agius). In rigward l-agir da parti ta' Joseph Tabone li ghandu jigi deskritt bhala frawdolenti, dan il-konvenut ma deherx quddiem din il-Qorti sabiex jissostanzja dak li eccepixxa jew sabiex jikkjarifika s-sehem tieghu f'dan il-kaz (ara f'dawn ir-rigwad dak verbalizzat a fol 49 tal-atti). Inoltre ma giet sottomessa l-ebda nota responsiva ghal dak sottomessa mis-socjeta attrici (ara fol 53, 59 u 60 tal-istess atti). Fid-dawl ta' dak kollu li ghad kemm inghad, ir-responsabilta tal-konvenut Joseph Tabone, tidher evidenti u ippartecipa, attivament u konsapevolment sabiex il-mejjet Christopher Agius seta jqarraq mill-impjegati tal-Bank attur u b'hekk jottjeni il-flus mitluba fl-avviz (ara z-zewg dokumenti a fol 32 u 33 tal-atti).

Illi bhala konsegwenza, Joseph Tabone, avolja ma kellux relazzjoni guridika kontrattwali mal-Bank attur meta dan silef is-somma in kwistjoni lill-imsemmi Christopher Agius, ghandu jigi kunsidrat bhala legalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess bank liema danni jammontaw ghall-ammont misluf lil-istess mejjet bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' April 1997.

Illi, ghalhekk, fuq basi ta' "dolo", il-konvenut, Joseph Tabone, ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hlas ta' danni vis-a-vis il-Bank attur ekwivalenti ghall-ammont misluf u l-imghaxijiet legali relattivi u dan sabiex jigi evitat pagament dobbju solidalment mal-konvenuta nomine.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita' taghha premessa u lill-konvenut, Joseph Tabone, sabiex jhallsu solidalment bejniethom is-somma ta' Lm700.30,0 bl-imghax legali mit-2 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll, solidament ukoll, l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Alan Calleja
Deputat Registratur